
MONS SION IN JERUSAL



Tifkira
Ta' għeluq
L-elf u disa' mitt sena
Mill-miġja
Ta' San Pawl
F'Malta.



Is-Sitt Sena | APRIL - ĠUNJU, 1960 | Għadd 2

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEHEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.



# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI
MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT
TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

**Is-Sitt Sena** **APRIL - ĠUNJU, 1960** **Għadd 2**

## X'FIH DAN IL-GĦADD

L-Omm tan-Niket (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 33

L-Ewwel Taqsima — DAWL

Il Qabar ta' Lażżru (Fr. Salv, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 34
Il-Purċissjoni ta' Kull Jum Fil-Qabar ta' Kristu (Elsie) ... ... ... ... 37
Il-Knisja tal-Ġebla f'Nazaret (Fra Pietru, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 43
L-Aħħar Għid ta' Ġesù ... ... ... ... ... ... ... ... ... 45
Ġeriku (Dun Anton Tabone) ... ... ... ... ... ... ... ... 51
Omm Ġesù (Fra Marjanu) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 53
L-Attijiet bil-Għarbi ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 55

It-Tieni Taqsima — ĊENTENARJU

Kemm l-Ittra kiteb San Pawl? (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... 56
Il-Qdusija tal-Kotba Mqaddsa fit-Tagħlim ta' Missierna San Pawl
(P. Gwidu Schembri, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... 58
L-Istorja ta' San Pawl ... ... ... ... ... ... ... ... ... 60
Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 63
Requiescant In Pace ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... 64

---

*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# L-OMM TAN-NIKET

*Fil-belt imqaddsa ta' Ġerusalem, l-imkien li fih iż-żawwari jħoss qalbu tingħafas, huwa l-Kalvarju; imma l-aktar li jagħsarlu qalbu u jġiegħlu joħroġ dmugħ minn għajnejh huwa n-naqra t'artal żgħir, bejn iż-żewġ artali kbar, il-wieħed ta' fejn Ġesù kien imsallab u l-ieħor ta' fejn radd Ruħu fuq is-salib, li fuq dal-artal żgħir tinsab is-sura* mezzu bust *ta' Marija Omm tan-Niket, jew il-Madonna tal-Qalb Minfuda. Ir-Rhieb Franġiskani għassiesa ta' dak l-imkien imqaddes kienu fehmu li jixraq wisq li l-Omm ta' Ġesù tkun hemm ma' ġenb Binha waqt li kien ibati u jmut, imnikkta taħt is-salib tiegħu.*

*U tassew Marija waqfet ħada Binha fil-mewt kif kienet imxiet miegħu fil-ħajja. Maħtura sa minn qabel iż-żmenijiet bħala sieħba fil-ħidma feddejja ta' Binha, ma setgħetx tonqos li ma tkunx hemm ukoll fejn kellu jkun mitmum l-aqwa xogħol tiegħu. Fuq il-Blata tal-Golgota Ġesù kien midbuħ u Marija, Ommu, seħbitu fit-temma tal-fidwa. B'idejha għolliet 'il fuq lil Binha, imsawwar mid-demm Verġni tagħha, bħala debħa, biex iraqqad il-għadab tal-Missier għalina, li miegħu konna midjiena, ukoll jekk din il-għotja timla bin-niket il-qalb ta' Omm, tagħha.*

*U fuq dan l-artal ċkejken aħna għandna nfittxu l-Messija Feddej tagħna. Hemm, f'dik il-Qalb minfuda ta' Marija, li kienet tat lil Kristu l-ħajja ta' dil-art, insibu l-għajn li tfawwar bl-ilma tal-Grazzja qaddisa, li taħsel u tisfi lil ruħna mtebbgħa bid-dnubiet. Wieqfa b'qalbha minfuda taħt is-salib, issieħeb lil Binha fit-twila agonija, fil-waqt li l-għażiż demmu jċarċar għal fidwa tal-erwieħ. Mifnija bin-niket, quddiem għajnejha tarah imut... tisma' l-aħħar għajta tiegħu... tarah imejjel rasu u jrodd l-aħħar nifs ta' ħajtu... fil-ħin li qalbu tkun imċarrta mil-lanza tas-suldat. Iżda malli ġewwa dirgħajha kellha 'l Binha Ġesù mejjet, in-niket u s-sogħba tagħha laħqu l-akbar qjies li tista' ġġarrab ħlejqa.*

*Hemm hi s-Sultana tal-Martri! Marija, b'Ġesù Binha mejjet fi ħdanha; b'rasu mitluqa fuq qalbha; b'xagħru mħabbel u mxarrab bil-għaraq u d-dmija, xbinu mtaqqab bix-xewk, fommu mbexxaq u għajnejh magħluqa; idejh u riġlejh minfuda u sidru miftuħ u jnixxi d-dmija. Liema Mara qatt laħqet din il-quċċata tan-niket? U bħal ma żammet f'qalbha għal bqija ta' ħajjitha kollha l-kliem u l-egħmil ta' Binha, l-iżjed li żammet quddiem għajnejha t-tifkira ħarxa tat-tbatijiet u l-mewt tiegħu.*

*Hemm, f'dik is-sura fuq l-artal ċkejken tal-Kalvarju, jidhru bħala f'mera t-tbatijiet ta' Ġesù l-Feddej tagħna. F'dak il-Wiċċ tal-Omm tan-Niket jidher l-uġigħ tal-qalb minfuda. F'għajnejha mdemmgħa tidher is-sogħba; f'xofftejha mbexxqa l-imrar; u min jaf x'jara kieku wieħed jista' jħares f'qalbha!*

*Tassew li jekk hija hekk is-sura, kienet wisq aktar minn hekk ir-realtà. Imma hemm, fuq il-Blata tal-Kalvarju, quddiem dik is-sura mqaddsa id-dmugħ li joħroġ minn għajnejna jserraħ lil qalbna, u n-niket u t-tbatijiet tagħna jiħfiefu, u ruħna ssib sliem, u faraġ tas-sema!*

*ID-DIREZJONI.*